# IT-TIENI PARTI
# QORTI TA' L-APPELL

**15 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmela armla minn Joseph Sapiano

*versus*

Antonia mart Vincenzo Fenech *et*

## Il-Kuntratt ta' Depożitu - Serq tal-Ħaġa Depożitata - Responsabbiltà

*Id-depożitu huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor, bl-obbligu li jikkostodiha u li jroddha* in natura. *Dan il-kuntratt jiġi konkluż immedjatament mal-kunsinna tal-ħaġa lid-depożitarju u għalhekk kull kondizzjoni li taffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-kontraenti trid tkun espressa u mifteħma immedjatament malli l-partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom.*

*Id-depożitarju huwa obbligat juża fil-kustodja ta' l-oġġetti depożitati l-istess diliġenza li huwa juża fil-kustodja ta' ħwejġu. Dan il-prinċipju huwa applikat b'akbar rigur meta d-depożitu huwa salarjat milli meta jkun magħmul gratwitament u fuq bażi ta' ħbiberija.*

*Filwaqt li f'kull każ id-depożitarju jibqa' dejjem repsonsabbli għad-dolo u kulpa gravi li jipprovokaw mankanzi fil-kustodja ta' l-oġġett fdat f'idejn id-depożitarju b'depożitu, jrid jingħata l-piż ukoll lill-għażla li d-depożitant ikun għamel tal-persuna li lilha jkun iddeċieda li jafda ħwejġu. Dan għaliex tali persuna hi biss tenuta li tuża dik id-diligenza li soltu tieħu ħsieb għal ħwejjiġha.*

*Dan ifisser allura jekk id-depożitant jagħżel bħala depożitarju persuna notarjament traskurata għal ħwejjiġha ma jistax jippretendi li tkun responsabbli għall-oġġett minnu fdat f'idejha bħala depożitu.*

Il-Qorti:-

L-attriċi - li mietet fil-mori tal-kawża - ipproċediet minn din iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuti biex dawn iroddu lura bilanċ ta' flus minnha depożitati f'idejn il-konvenuta Antonia Fenech;

"L-attriċi wara li ppremettiet illi hi kkonsenjat lill-konvenuti konjuġi Fenech somma ta' flus kontanti li kienet teċċedi t-tlett elef lira u dan bil-għan espress li l-istess konvenuti kellhom iżommu din is-somma bħala depożitarji għal żmien temporanju, bl-obbligu li jirrestitwuha fuq sempliċi talba ta' l-istess attriċi, illi sussegwentement l-imsemmija somma tpoġġiet ukoll taħt il-kustodja tal-konvenuta Gaetana Azzopardi oħt il-konvenuta l-oħra Antonia Fenech u dan f'ħanut li l-istess aħwa kienu jiġġestixxu fi Triq il-Kbira, ir-Rabat; l-attriċi interpellat lill-konvenuti li jroddulha lura s-somma msemmija u dawn fil-fatt ħallsuha lura biss parti minnha, b'mod li llum għad fadlilhom li jagħtuha lura l-bilanċ ta' elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500) mis-somma oriġinarjament depożitata taħt il-kustodja tagħhom; billi l-konvenuti naqsu li jroddu lura l-imsemmija bilanċ lill-attriċi, għalkemm kienu diversi drabi ġew interpellati, anke permess ta' ittra uffiċjali; illi l-konvenuti, wara li kienu bdew iħallsu lura lill-attriċi, waqfu milli

jeffettwaw ir-radd lura ta' l-imsemmi bilanċ u wara li ġew interpellati, bagħtu jgħarrfu lill-istess attriċi li l-imsemmija *somma* kienet ġiet esportata minn terzi b'forza u ma kinitx iżjed għandhom, talbet li din il-Qorti:

Tikkundanna lill-istess konvenuti jew lil min minnhom sabiex minnufih iroddu lura lill-attriċi s-somma ta' elfejn u ħames mitt *lira*, rappreżentanti l-bilanċ ta' somma akbar *magħhom* depożitata, kif fuq ingħad";

Il-konvenuta Gaetana Azzopardi hekk eċċepiet:

"Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u b'mod partikolari inkonfront tagħha hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi *stante illi hija qatt ma kienet taf bl-eżistenza o meno* tal-flus ta' l-attriċi";

Il-konvenuti Antonia u Vincenzo Fenech hekk eċċepew:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom *jiġu* respinti bl-ispejjeż kontra l-attriċi stante illi:

L-istess attriċi ma tistax tiddeċidi fuq liema bazi legali qiegħda tipproponi din il-kawża, kif jirriżulta mill-kontradizzjoni bejn id-dokument "A" hawn esebit u l-kontenut ta' l-istess ċitazzjoni;

Il-flus kienu depożitati għand il-konvenuta Antonia *Fenech* bil-ftehim espress bejn il-partijiet illi dawn il-flus kienu depożitati a riskju ta' l-attriċi u fil-fatt fit-13 ta' Awissu, 1988 saret serqa mill-ħanut tal-konvenuta;

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe każ; il-bilanċ tas-somma f'idejn il-konvenuta qabel is-serqa kien ta elf, *seba'* mija u ħmistax-il lira Maltija (Lm1715) u mhux kif pretiż fiċ-ċitazzjoni u dana kif jirriżulta mid-dokumenti "B" sa "Ġ", it-tnejn inklużi";

B'sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet billi:

Filwaqt *li* laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta Azzopardi u konsegwentement illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju;

Ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Antonia u Vincenzo Fenech u filwaqt li laqgħet it-talbiet attriċi, ikkundannat lill-istess konvenuti li jroddu lura lill-atturi *qua* eredi ta' l-attriċi Carmela Sapiano is-somma ta' Lm1,800, rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar magħhom depożitata u dawn bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittru uffiċjali tat-8 ta' Novembru, 1988;

Minn din is-sentenza appellaw biss il-konjuġi Fenech. L-atturi ma appellawx kontra l-liberazzjoni mill-osservanza tal-konvenuta Gaetana Azzopardi u allura l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet minnha ssollevati ma jinteressawx dan l-appell. Kif ma jinteressawx lil dan l-appell l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fuq l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konjuġi Fenech li ġew miċħuda. Dan ghaliex fir-rigward ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju u allura aċċettaw is-sentenza. Din il-Qorti tista' ghalhekk tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha fuq il-mertu u l-konsiderandi dwaru li wasslu lil din il-Qorti ghad-deċiżjoni tagħha;

*Omissis*;

L-Ewwel Qorti hekk *ikkunsidrat* fil-mertu:

"Illi għalhekk il-kwistjoni kollha quddiem il-Qorti tirrisolvi ruħha fuq żewġ punti:

L-allegat ftehim ċjoè li d-depożitu kien sar a riskju tad-depożitanti, u

Jekk, fi kwalunkwe każ, il-konvenuta hijiex responsabbli għar-radd tal-flus anke fil-każ li dawn insterqu minn terzi persuni;

*Omissis*;

Id-depożitu huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha "in natura". Dan il-kuntratt jiġi konkjuż immedjatament mal-kunsinna tal-ħaġa lid-depożitarju u għalhekk kull kondizzjoni li teffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-kontraenti trid tiġi espressa u miftehma immedjatament malli l-partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom. Mix-xhieda prodotti jirriżulta li meta ġew konsenjati l-flus lill-konvenuta Fenech ma ntqal ebda diskors dwar kondizzjonijiet tad-depożitu. L-attriċi xehdet li f'dik l-okkażjoni ma ntqal xejn u Anthony Sapiano, li kien preżenti meta ġew depożitati l-flus, qal kategorikament li ma ntqal ebda diskors fuq xi kondizzjonijiet dwar id-depożitu. Il-konvenuta, konfrontata b'din ix-xhieda, ma qalet xejn u llimitat ruħha biss li tgħid li kienet tgħid lill-attriċi li jekk tkompli tparla man-nies dwar dawn il-flus, jekk jisirqu lilha jkunu serqu lill-istess attriċi. Dan id-diskors jippresupponi li d-depożitu ġà kien sar u aċċettat mill-istess konvenuta għax kieku kien altrimenti l-istess konvenuta ma setgħetx tgħid diskors simili. Minn dan jidher li l-kundizzjoni li fuqha qed tibbaża ruħha l-konvenuta ġiet espressa, mill-istess konvenuta, wara li ġie konkluż il-kuntratt u

konsegwentement ma *jista' jkollha* ebda effett fuq ir-relazzjonijiet ta' bejn il-*kontraenti*;

Illi l-artikolu 1901 tal-Kap. 16 jistabbilixxi li d-depożitarju ma jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru b'forza maġġuri, ħlief jekk jkun ġie mqiegħed in mora għar-radd tal-ħaġa depożitata. Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm xi talba speċifika għar-restituzzjoni tal-flus depożitati qabel ma ġiet rapportata is-serqa tat-13 ta' Awissu, 1988. Infatti l-ewwel darba li l-attriċi talbet lill-konvenuta Fenech tirrestitwilha l-flus li kienu jinsabu għandha kien fl-14 ta' Ottubru, 1988. Il-konvenuta da parti tagħha, sal-ġurnata li daħlet l-isptar, dejjem imxiet mal-ftehim li kien hemm bejnha u l-attriċi u kull darba li ġiet mitluba, sew mill-attriċi sew minn binha Anthony Sapiano, dejjem tat il-flus li kienet ġiet mitluba;

Issa kemm-il darba d-*depożitarju jinvoka* l-*każ fotuwitu* bħala *motiv ta' esenzjoni tiegħu mill-ħsara li* ssofri l-ħaġa depożitata, l-prova tal-każ *fortuwitu taqa'* fuqu. Inoltre l-ġurisprudenza hija konkordi *illi l-kunċett tal-każ* fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-*ħsara* jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-prinċipji tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment, sproporzjonat u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*Bonus Pater Familias*;

Ma hemmx dubbju li l-flus ta' l-attriċi nsterqu mill-ħanut tal-konvenuta. Xhieda ta' dan hemm il-konvenuta Azzopardi u l-istess okkorrenza tal-Pulizija. Ma nġiebet ebda prova li tikkontradiċi din il-prova jew li tixhed xi dubbju fuq dan il-fatt. Għalhekk il-konvenuta issodisfat *prima facie* l-obbligu tagħha li tressaq il-prova tal-każ fortuwitu;

Mill-provi mressqa jirriżulta li l-konvenuta kienet iżżomm parti mill-flus fdati f'idejha, fil-ħanut tagħha fir-Rabat, minn fejn eventwalment ġew misruqa. Ir-raġuni għal dan, tgħid l-istess konvenuta, kienet li l-attriċi jew binha kienu kemm-il darba jiġu fil-ħanut tagħha u jitolbuha parti mill-flus. Dan l-aġir tal-konvenuta ma kellu xejn barra mill-ordinarju u stante li fil-ħanut l-istess konvenuta kellha l-effetti tagħha personali bħalma kienet merkanzija, li ċertament kienet ta' valur u l-flus tan-negozju, li kienu ukoll soġġetti għas-serq, jista' jingħad li l-konvenuta ħadet ħsieb il-flus ta' l-attriċi daqskemm kienet tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha (artikolu 1899 tal-Kap. 16). Iżda l-konvenuta naqset serjament meta, wara li daħlet l-isptar, ippermettiet lill-oħtha, l-konvenuta Azzopardi li tiftaħ il-ħanut mingħajr ma tgħidilha xejn dwar il-flus ta' l-attriċi u twissiha biex tieħu ħsiebhom. B'dan il-mod, partikolarment in vista tal-fatt li klijenti tal-konvenuta kienu jafu bl-eżistenza tal-portmoni b'ammont konsiderevoli ta' flus, il-konvenuta naqset mill-obbligu tagħha li tikkustodixxi sew il-ħwejjeġ depożitati għandha u b'dan il-mod esponiethom għas-serq u kif fil-fatt ġew misruqa. Dan l-event dannuż seta', bi ftit attenzjoni da parti tal-konvenuta, jiġi evitata u għalhekk ma jistax jingħad li jikkonkorru l-elementi tal-każ fortuwitu billi kkontribwit l-istess konvenuta bin-negliġenza tagħha għas-serqa ta' l-effetti depożitati għandha;

*Omissis*;"

Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni l-provi miġbura fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' liġi applikabbli għall-każ. Konsiderazzjonijiet li ġew korrettement identifikati mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti waslet però għal konvinċiment illi ma tistax tikkondividi l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata dwar ir-responsabbilità tal-konjuġi Fenech li jorddu lura l-bilanċ ta' flus li l-appellanti Antonia Fenech taċċetta li kienu ġew għandha depożitati mill-awtriċi ta' l-appellati;

Id-depożitarju huwa obbligat juża fil-kustodja ta' l-oġġetti depożitati l-istess diliġenza li huwa juża fil-kustodja ta' ħwejġu. Huwa obbligat li jrodd lura dawk l-oġġetti lil min ikun fdahom f'idejh u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa jkun responsabbli tat-telf jew ħsara li tali nuqqas iġib lil *min ikun* għamel id-depożitu. Mill-banda l-oħra waqt li min jirċievi depożitu għandu juża l-istess diliġenza fuq il-ħaġa depożitata qisha kienet tiegħu, "dan il-prinċipju huwa applikat b'akbar rigur meta d-depożitu huwa salarjat" milli meta jkun - bħal fil-każ *in eżami* - magħmul, gratuwitament u fuq bażi ta' ħbiberija (Vol. XXIX, pt. I, p. 1422). Hu paċifiku illi fil-każ taħt eżami r-relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u l-konvenuta appellata kienet waħda ta' depożitu sempliċi bil-kondizzjoni li l-flus jintraddu lura mid-depożitarja lid-depożitanti meta u kif din titlobhomla;

Konsegwentement:

Id-depożitarju obbligat juża d-diliġenza li biha huwa soltu jieħu ħsieb ta' ħwejġu u mhux neċessarjament dik id-diliġenza li wieħed għandu juża ta' missier tajjeb tal-familja;

Depożitarju huwa tenut ghad-dolo u kulpa gravi avolja huwa jkun aċċetta li jżomm il-ħaġa b'depożitu bil-patt li ma jkunx responsabbli għall-ħsara li jista' jiġri fiha. Kondizzjoni din li l-appellata ssostni li saret fil-każ *in eżami* u li hi kontestata mill-appellanti imma li l-Ewwel Qorti aċċettat li fil-fatt saret;

Jekk id-depożitarju jinvoka l-każ fortuwitu bħala l-motiv ta' l-eżenzjoni tiegħu mill-ħsara li ssofri l-ħaġa depożitata, l-prova tal-każ fortuwitu hija mixħuta fuqu. F'dan il-każ il-każ fortuwitu huwa serqa u fuq din is-serqa din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti ma ssibx raġuni għaliex tiddubita li fil-fatt seħħet;

Prinċipji enunċjati minn din il-Qorti fil-kawża **Negozjant Joseph Darmanin** *vs* **Negozjant Joseph Schembri** (Vol. XXXV,pt. I, p. 440) li hekk telabora:

"Dan l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili (li d-depożitarju għandu fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu jieħu ħsieb daqskemm jieħu ħsieb fil-kustodja ta' ħwejġu) hu simili għall-artikolu 1927 tal-Kodiċi Franċiż u 1843 tal-Kodiċi Taljan. L-awturi, almenu fil-maġġoranza tagħhom, jaqblu illi f'tema ta' depożitu l-liġi dderogat għall-prinċipju solitu tad-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja u esiġiet biss id-diliġenza li d-depożitarju soltu jimpjega fil-kustodja ta' ħwejġu stess. Infatti hawn japplika l-massima *vis a vis* d-depożitant *debet sibi imputare quod talem elegerit*";

Dan ifisser illi filwaqt f'kull każ id-depożitarju jibqa' dejjem responsabbli għad-dolo u kulpa gravi li jipprovokaw mankanzi fil-kustodja ta' l-oġġett fdat f'idejn id-depożitarju, b'depożitu jrid jingħata l-piż ukoll lill-għażla li d-depożitant ikun għamel tal-persuna li lilha jkun iddeċida li jafda ħwejġu. Dan għaliex tali persuna hi biss tenuta li tuża dik id-diliġenza li soltu tieħu ħsieb għal ħwejjiġha. Dan ifisser allura jekk id-depożitant jagħżel bħala depożitarju persuna notorjament traskurata għal ħwejjiġha ma jistax jippretendi li tkun responsabbli għall-oġġett minnu fdat f'idejha bħala depożitu. Dana aktar mil-mod traskurat kif kienet tieħu hi stess ħsieb ħwejjiġha. Di piu jibqa' l-obbligu tad-depożitant illi jieħu dawk il-passi meħtieġa u ndikati biex jissalvagwardja l-oġġett minnu depożitat jekk jirriżultalu illi d-depożitarja għal xi raġuni indipendenti mill-volontà tagħha ma tkunx aktar f'qagħda li sewwa tikkawtela d-depożitu. Dan għalix kemm f'din l-eventwalità kif ukoll fl-eventwalità tal-każ fortuwitu japplika l-prinċipju li *res perit dominus*;

Din il-Qorti tqis li d-difett ċentrali *fil-konsiderazzjonijiet* ta' l-Ewwel Qorti hu illi din tibda bil-presuppost illi una volta seħħ id-depożitu u d-depożitarja aċċettat l-inkarigu lilha mogħti r-responsabbilità tad-depożitant li tikkawtela ħwejjiġha tintemm għal kollox u tali responsabbilità tgħaddi kompletament u esklussivament fuq id-depożitarja. Dan hu biss in parti korett.

Infatti:

Jirriżulta illi ftit żmien qabel ġew misruqa l-flus mill-ħanut ta' l-appellanti, din kienet tatha puplesija ħafifa li kienet ġiegħlitha tiġi rikoverata f'darha. Dana wara li kienet iddaħħlet l-isptar għal ċertu żmien. Il-puplesija kienet serja biżżejjed biex l-appellanti tħalli għal kollox it-tmexxija tal-ħanut tant li minn dak in-nhar 'il quddiem qatt ma reġgħet marret lura fih. Infatti il-ħanut bdiet tmexxih u baqgħet tmexxih il-konvenuta l-oħra oħtha Azzopardi u din kienet tiftaħ biss għal ftit ħin filgħaxija. Jirriżulta ukoll mill-atti illi l-attriċi kienet a konoxxenza ta' din is-sitwazzjoni. Kien allura obbligu tagħha li appena saret taf li tieħu passi mmedjati biex tirtira d-depożitu. Dan hi ma għamlitux;

Irriżulta illi d-depożitanti kienet taf u kienet pjenament a konoxxenza tal-fatt illi flusha kienu in parti fil-ħanut u hi kellha allura kull interess illi taċċerta ruħha minn dan il-flus fi żmien meta beda jiġi ġestit mill-konvenuta Azzpardi. Dan għax allura kienet taf li d-depożitarja minnha magħżula ma kienx għad kellha kontroll ta' l-oġġetti minnha f'idejha depożitati. Anke għal din ir-raġuni hi kienet fl-obbligu li tieħu passi biex tittutela d-depożitu tagħha. *Multo magis* meta kellha indikazzjoni ċerta li d-depożitarja kienet għal raġuni ta' saħħa inkapaċi li tesspleta l-obbligu tagħha;

Jirriżulta illi d-depożitant kienet mhux biss a konoxxenza

li d-depożitarja kienet qed iżżomm parti mill-flus fdati minnha f'idejha fil-ħanut imma li hi stess kienet kuntenta li hekk isir. Anzi hemm provi konkludenti li dan kien arranġament li sar proprju biex jaqdi l-esiġenzi tagħha tant li kienet issibha komda li tmur fil-ħanut għand id-depożitarja u titlobha flus għaliha jew għal binha. Arranġament li kien ilu sejjer żmien u li fl-ebda mument ma jirriżulta li d-depożitarja oġġezzjonat b'xi mod għalih. għal kuntrarju hemm ukoll prova sodisfaċenti li d-depożitanti kienet non kuranti tal-fatti illi nies oħra estranei bħal klijenti fil-ħanut saru jafu li l-konvenuta appellant kienet qed iżommilha flusha fil-ħanut. Tant li kien hemm okkażjonijiet fejn l-awtriċi ta' l-atturi kienet titlob lill-konvenuta flus quddiem ħanut nies bl-ikbar diżinvoltura. Sitwazzjoni li kważi tiġġustifika l-applikazzjoni tal-prinċipju *volenti non fit iniuria*;

Jirriżulta provat illi fis-serqa li din il-Qorti hi sodisfatta li verament seħħet, nonostante d-dubbji li pprovaw jissollevaw l-appellati, insterqu ukoll flus ta' proprjetà tal-konvenuta - xi Lm150. Flus li kienu fl-istess post fejn din kienet iżżomm il-flus depożitati f'idejha. Dan jipprova bħala fatt illi l-konvenuta kienet tieħu l-istess ħsieb tal-flus attriċi daqs li kieku dawn kienu tagħha u daqs kemm kienet tieħu ħsieb flusha. U sa hawn tissodisfa l-vot tal-liġi. Xorta naturalment jibqa' x'jiġi deċiż kinitx jew le ħatja ta' kolpa gravi (id-dolo mhux allegat u hu eskluż) bil-fatt:

Li l-konvenuta kienet iżżomm il-flus fejn effettivament ħallietħom;

Li ħallietħom hemm wara li tatha puplesija; u

Li ma nformatx lill-konvenuta Azzopardi bl-eżistenza ta' dawn il-flus fil-ħanut meta din kellha bilfors tiġġestih wara li mardet;

Fir-rigward ta' l-ewwel kweżit din il-Qorti ma tarax wisq differenza bejn jekk *il-flus kinux* qed jiġu miżmuma fil-ħanut jew kinux qed jiġu miżmuma fid-dar tad-depożitarja. Kull wieħed minn dawn il-postijiet seta' jkun - kif indubbjament kien - inkustodit għal xi *żmien* waqt il-ġurnata. F'kull post seta' jseħħ - kif seħħ - serq u din iċ-ċirkostanza tas-serq żgur tikkwalifika bħala att fortuwitu indipendenti mill-volontà tad-depożitarja. Kienet l-għażla tad-depożitanti li flusha tafdahom f'idejn persuna ta' fiduċja tagħha u mhux tiddepożitahom f'bank. Kienet allura ppreparata li tieħu riskju u l-konsegwenzi ta' eventwalità ta' serq. Hi għal kollox gratuwita u insostenibbli ġuridikament is-sottomissjoni ta' l-appellati li d-depożitarja kellha xi obbligu li tassigura l-fond fejn kienu qed jiġu miżmuma l-flus kontra s-serq. Tali assigurazzjoni kellha mhux biss se mai tkun parti espressa fil-ftehim tad-depożitu imma ukoll l-assigurazzjoni kellha se mai tkuna a kariku tad-depożitant una volta si trattava ta' depożitu gratuwitu. Dan kollu apparti kif fuq rilevat il-post fejn id-depożitarja żammet il-flus kien għal kollox a konoxxenza tad-depożitanti li ma tistax allura issa tilmenta minn dan il-fatt wara l-akkadut;

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet kweżit din il-Qorti hi sodisfatta li l-marda tad-depożitarja kienet tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tavża *lil Azzopardi* bl-eżistenza tal-flus. Ċertament f'dan il-kuntest ir-responsabbilitajiet tad-depożitanti biex tipproteġi ħwejjiġha fiċ-ċirkostanzi partikolari kienu ferm akbar u determinanti min-nuqqasijiet tad-depożitarja;

Is-sentenza appellata infatti tiskarta għal kollox dan l-aspett tal-vertenza anke jekk ġustament waslet għall-konklużjoni li *ma* kien hemm "xejn barra mill-ordinarju" li l-konvenuta żżomm il-flus fil-ħanut fejn "kellha l-effetti tagħha personali bħal ma kienet il-merkanzija, li ċertament kienet ta' valur u l-flus *tan-negozju* li kienu ukoll soġġetti għas-serq". L-Ewwel Qorti allura waqt li sewwa sabet li l-konvenuta bħala

depożitarja ħadet ħsieb tajjeb tal-flus ta' l-attriċi daqslikieku *kienet qed tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha* (u allura ssodisfat l-obbligi tagħha *fit-termini* ta' l-artikolu 1899 tal-Kap. 16), *irravviżat* ħtija fil-fatt li ma allarmatx lill-konvenuta Azzopardi bl-eżistenza ta' dawn il-flus. Issostni s-sentenza appellata li minħabba dan in-nuqqas il-konvenuta kienet falliet mill-obbligi tagħha li tikkustodixxi sew il-ħwejjeġ depożitati għandha u "b'dan *il-mod* esponiethom għas-serq". *Ma' din il-konklużjoni* din il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm jista' jingħad illi kien ikun għaqli li l-konvenuta tinforma lil Azzopardi bl-eżistenza tal-flus li kieku setgħet u li kieku l-obbligu tagħha li hekk tagħmel jekk saħħitha kienet tippermettilha, il-Qorti *ma* tarax kif dan in-*nuqqas* fih *innifsu* seta' jesponi l-flus għas-serq. *Ma jirriżultax* in-ness tal-kontributorjetà għall-event dannuż fil-fatt ta' nuqqas ta' għarfien da parti ta' Azzopardi bl-eżistenza tal-flus. Il-posizzjoni infatti ma kienet tkun xejn differenti li kieku l-konvenuta baqgħet l-istess tiġġestixxi l-ħanut u li kieku ma *marditx*. Dan għaliex is-serqa *kienet event* għal kollox indipendenti mill-volontà ta' min kien qiegħed *jiġġestixxi* l-ħanut inkwantu l-flus baqgħu jiġu kustoditi - anke jekk inkonxjament - minn Azzopardi bl-istess mod li kienu meta l-konvenuta kienet għadha tmexxi l-ħanut. Il-Qorti allura ma *tirravviżax* f'dawn il-fatti dik *il-colpa* gravi li l-liġi tirrikjedi biex tgħabbi lid-depożitarja bir-responsabbilità għall-akkadut u għat-telfien tad-depożitu;

*Għal* dawn il-motivi l-Qorti *tiddeċidi l-kawża billi* tilqa' l-appell tal-konvenuti Azzopardi (*sic*) u l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-mertu u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

---